**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, 2024**

**Talba Nru: 203/2021MD**

**GasanMamo Insurance Limited [C-3143] u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Keith Buhagiar sia bil-polza u sija bil-Liġi u l-istess Keith Buhagiar [K.I. 338599(M)]**

**Vs**

1. **Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Rabat**
2. **Public Works Department**
3. **Infrastracture Malta**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-8 ta' Lulju, 2021[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenuti jħallsu l-ammont ta' elfejn u sitta u erbgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżimu (€2,046.23) rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' tlett mija (€300) *excess payment* illi l-attur Keith Buhagiar ħallas in konnessjoni ma' dan l-inċident, u in kwantu għas-somma ta' elf, seba' mija u sitta u erbgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżimu (€1,746.23) id-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident illi għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi GasanMamo Insurance Limited noe abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*; bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali li qiegħda tintbagħat lill-Avukat

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process

Ġenerali et kontestwalment ma din il-kawża u bl-interessi legali mid-data ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Ra ir-risposta ntavolata mill-Public Works Department[2] datata 6 ta' Awissu, 2021 fejn eċċepixxa:

*Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddekorri;*

*Illi in linea preliminari wkoll id-Dipartiment m'huwiex il-leġittimu kontradittur stante li t-toroq ma jaqgħux taħt il-mansjoni tad-Dipartiment u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa l-attur li għandu oneru ta' prova mposta fuqu u għaldaqstant f'tali każ huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-aġir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert;*

*Illi l-intimat qiegħed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant għar-raġunijiet msemmija l-konvenut qed jitlob umilment lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjarah li mhux il-leġittimu kontradittur, jiċħad it-talbiet ta' l-atturi u jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Ra r-risposta tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Rabat[3] datata 27 ta' Settembru, 2021 fejn eċċepew:

1. *Preliminarjament illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat mhuwiex il-leġittimu kontradittur għax it-triq in kwistjoni hi triq distributorja li ma taqax taħt ir-responsabilita' tiegħu u għalhekk il-Kunsill għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Kunsill intimat ma kellu ebda responsabilita' għall-allegat inċident jekk sar u inoltre, trid issir il-prova ta' kif u fejn sar l-allegat inċident;*

4. *Illi fi kwalunkwe każ, il-Kunsill lokali intimat qed jikkontesta l-inċident innifsu u d-danni reklamati mis-soċjeta' attriċi;*

---

[2] A fol 5 et seq tal-proċess
[3] A fol 10 et seq tal-proċess

5. *Illi di piu' l-ammonti mitluba huma esaġerati u għalhekk qed jiġu kkontestati d-danni mitluba u l-ammont mitlub.*

   *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

   *Bl-ispejjeż inkluż dawk l-ittri legali mibgħuta.*

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawża Aġenzija għall-Infrastruttura Malta[4] datata 26 ta' Ottubru, 2021 fejn eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, l-Agenzija intimata ma hix il-leġittimu kontradittur ta' l-azzjoni attriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. It-triq in kwisjtoni ma taqax taħt ir-responsabilita' ta' l-Aġenzija intimata iżda tal-Kunsill Lokali rispettiv kif del resto jistipula l-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni attriċi hija nulla u bla effett fil-liġi stante li ai termini tal-Kap 588 tal-Ligijiet ta' Malta din il-kawża kellha tiġi istitwita esklussivament kontra l-Kunsill Lokali li fir-responsabilita' tiegħu tkun t-triq rilevanti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Aġenzija eċċipjenti mhijiex responsabbli għad-danni reklamati mill-atturi, u f'kull każ jispetta lill-atturi jippruvaw li l-Aġenzija esponenti taħti għal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli għad-danni pretiżi minnhom;*

4. *Illi b'żieda mal-premess, u dejjem bla preġudizzju l-atturi għandhom iġibu l-aħjar prova tad-danni pretizi minnhom;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju ukoll, u f'kull każ, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fil-liġi.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Sema x-xhieda prodotta.

Ra l-affidavits esebiti in atti.

Ra d-dokumenti esebiti in atti.

Ra u sema s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari eċċepieti mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawża.

[4] A fol 15 et seq tal-proċess

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attrici GasanMamo Insurance Limited qed titlob l-ammont ta' elf, seba' mija u sitta u erbgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżimu (€1,746.23) rappreżentanti d-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' l-inċident illi għalihom għamlet tajjeb hija, filwaqt li l-attur Keith Buhagiar qed jitlob l-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300), rappreżentati *excess payment* li ħallas in konnessjoni mal-inċident. Il-konvenuti u l-kjamat fil-kawża in *linea preliminari* jeċċepixxu li ma humiex il-leġittimi kontradittturi.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **L-Inġ. Fredrick Azzopardi**[5] fejn spjega li hu inġinier bi professjoni u ilu jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer mal-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta mis-sena 2018. Spjega li skont l-Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att Dwar L-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta, l-Aġenzija hija responsabbli għal toroq arterjali u distributorji kif iklassifikati u identifikati bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Kompla jispjega li t-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni, Vjal il-Haddiem, ir-Rabat, ma hijiex klassifikata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta bħala triq arterjali jew distributorja u għaldaqstant hija triq residenzjali u l-manutenzjoni tagħha tkun fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali rispettiv skont il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta. Qal ukoll illi fiż-żmien in kwistjoni l-Aġenzija ma kienet qed twettaq l-ebda xogħlijiet ġewwa it-triq in kwistjoni. In oltre' kwalunkwe tappiera ta' servizz tal-utilita' u l-manutenzjoni tagħha tibqa' fir-responsabilita' ta' dik l-utilita'.

Ra l-affidavit ta' **David Sutton**[6] fil-kariga ta' Chief Officer tal-*Integrated Transport Strategy Directorate* fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta. Spjega li dan id-Direttorat huwa responsabbli, *inter alia*, mill-integrazzjoni tar-riċerka tat-trasport u l-ippjanar tal-infrastruttura, u l-iżvilupp u l-kordinazzjoni tal-*policies* tat-trasport. Spjega li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta hija responsabbli, *inter alia*, li tiddetermina l-klassifikazzjoni jew il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' toroq kif l-Awtorità tista' tqis l-aktar xieraq jew spedjenti u li żżomm u tikkawża li tiġi ppubblikata lista ta' dawk il-klassifikazzjonijiet, u dan skont bl-Artikolu 7(i) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-klassifikazzjoni u r-ri-klassifikazzjoni li tinsab fis-seħħ bħalissa, skont l-Artikolu msemmi qabel, hija dik ippubblikata mill-Awtorità fil-lista uffiċjali tat-3 ta' Jannar 2017, u ppreżenta dokument. Qal li fil-kawża GasanMamo Insurance Ltd vs Kunsill Lokali tar-Rabat et (203/2021PM), intalab li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tikkonferma u tiddikjara l-klassifikazzjoni ta' Vjal il-Ħaddiem li tinsab fir-Rabat Malta, liema konferma u dikjarazzjoni tista' jinġarr permezz ta' affidavit. Għalhekk f'dan ir-rigward, iddikjara u kkonfermat li Vjal il-Ħaddiem, li jinsab ir-Rabat Malta, mhix triq klassifikata bħala triq arterjali jew triq ta' distributur, u dan kif tixhed il-lista uffiċjali esebieta.[7]

---

[5] *A fol* 31et seq tal-proċess
[6] *A fol* 33 et seq tal-proċess
[7] A fol 35 et seq tal-proċess

Ra l-affidavit tal-**Perit Stephen Bonello**[8] bħala d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fi ħdan il-Ministeru għax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Ippjanar. Spjega li ilu jaħdem f'dan id-Dipartiment għal dawn l-aħħar wieħed u erbgħin sena fejn okkupa diversi karigi fosthom *Head* tal-*'Marine, Storm Water and Valley Management Unit*'. Id-Dipartiment huwa responsabbli li jwettaq proġetti u xogħolijiet pubbliċi iżda m'għandux is-setgħat li jwettaq proġetti ta' toroq. Qal li r-regolatur ewlieni tat-toroq f'Malta huwa stabbilit permezz tal-Kap 588 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jirreferi għall-Aġenzija Infrastruttura ta' Malta. Kompla jispjega li bis-saħħa tal-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP), li hu amministrat mill-istess Dipartiment, l-infrastruttura kollha li taqa' taħt dak il-proġett hija responsabbiltà tiegħu. Meta jkollhom *'claims'* bħal dawn, jivverifikaw il-lokazzjoni eżatta tal-post biex wieħed jara jekk l-isprall jew tappiera jagħmlux parti mill-infrastruttura tal-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar. F'dan il-każ ikkonferma li t-tappiera in kwistjoni ma hijiex parti mill-infrastruttura tal-NFRP. Ġjaladarba li l-isprall jew tappiera jkunu kkonfermati li m'humiex parti mill-infrastruttura tal NFRP, issir referenza għall-pjanta annessa mal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta f'tentattiv li tiġi stabbilita r-responsabbiltà u ppreżenta l-pjanta relatata mal-każ odjern.[9] Hekk kif l-entità responsabbli tkun stabbilita', jirreferu l-*claim* sabiex tiġi segwita u riżolta. F'dan il-każ, huwa ċar u inekwivoku li l-PWD ma wettaq l-ebda xogħol ta' infrastruttura fit-triq u għalhekk m'hemmx responsabbiltà attribwibbli lilu fil-każ in eżami.

Ra l-affidavit ta' **Anthony Bonello**[10] li għandu il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Spjega li l-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kienx involut fix-xogħolijiet ta' ri-kostruzzjoni ta' Vjal il-Ħaddiem u għaldaqstant ma jistax jieħu r-responsabbiltà ta' dan l-inċident li seħħ meta vettura ġarrbet ħsarat fuq tappiera tal-ilma tax-xita fi Vjal il-Ħaddiem għar-raġunijiet:

1. Vjal il-Ħaddiem skont in-North West Local Plan tal-Awtorità tal-Ippjanar ma taqax taħt il-kategorija ta' Local Access Road iżda hija waħda distributorja u għaldaqstant fir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali skont id-dokument ippreżentat.[11]

2. Ix-xogħolijiet kienu saru minn *Transport Malta* fl-2015, tant illi fl-artikolu tal-Maltatoday[12] jidhru inġenji tal-kuntrattur proprju fejn seħħ l-aċċident u kelliem ta' Trasport Malta fl-istess artiklu kien iddikjara mal-Maltatoday illi f'nofs Ottubru tal-2015 kienu se jintemmu x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni. (artiklu tal- 5/8/2015)

3. Ix-xogħol tal-*istorm water system* huwa wieħed difettuż tant illi l-gandott tal-ilma li f'partijiet minn Vjal il-Ħaddiem għaddej mill-għelieqi qiegħed jinġarr bil-maltemp fl-għelieqi minħabba s-saħħa tal-ilma.[13]

4. Ix-xogħlijiet saru mir-Road Infrastructure Directorate fi ħdan Trasport Malta permezz tal-permess numru RWP1-063/14.[14]

[8] A fol 44 tal-proċess
[9] A fol 45 tal-proċess
[10] *A fol* 49 tal-proċess
[11] A fol 50 tal-proċess
[12] A fol 51 et seq tal-proċess
[13] A fol 54 tal-proċess
[14] A fol 55 et seq tal-proċess

Sema x-xhieda ta' **Andrea Bondin**[15] fil-kariga ta' *motor claim adjustor* fi ħdan is-soċjeta' attriċi, li spjega li ilu jokkupa din il-kariga għal dawn l-aħħar seba' (7) snin. Spjega li fir-rigward tal-kawża odjerna, il-kollegi tiegħu ilhom jikkomunikaw mal-entatitajiet rispettivi fuq dan il-każ, u meta ma kienx hemm qbil u kulħadd irrifjuta r-responsabilita', il-każ kien riferut għandu sabiex jieħdu azzjoni ulterjuri, u ppreżenta serje ta' dokumenti.[16]

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza si tratta dwar ħsara li seħħet fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjon HBV 217 proprjeta' tal-attur Keith Buhagiar u assikurata mis-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited nhar is-27 ta' Mejju 2020 fi Vjal il-Ħaddiem, Rabat, li wara li l-vettura saqet fuq tappiera li kien hemm fit-triq, inqalgħet u laqtet lil vettura.

Issir referenza għall-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *"toroq arterjali u distributorji" tfisser kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;*
>
> *"triq" tfisser kwalunkwe mogħdija fuq l-art, ikun xi jkun l-isem li bih tissejjaħ, li fuqha hemm dritt pubbliku ta' passaġġ (bi kwalunkwe mezz) u tikkonsisti f'karreġġati u bankini, u tinkludi t-tarf tat-triq, u kwalunkwe pont (kemm jekk permanenti kif ukoll jekk temporanju) li minn fuqu, jew mina li minnha, tgħaddi t-triq, u kwalunkwe referenza għal triq tinkludi kull parti minnha, inklużi:*
>
> *(a) il-pedamenti, il-livelli ta' taħt il-wiċċ u l-kisi tal-livell tal-wiċċ tagħha;*
> *(b) central strips, roundabouts, traffic islands, bankini u mogħdijiet għar-roti; u*
> *(c) xogħlijiet fuq kanali tad-drenaġġ u l-aċċess għalihom, trinek u xogħlijiet ta' skavar ta' trinek għall-utilitajiet inkluż l-aċċess għalihom, il-mogħdija u t-tqegħid ta' sistemi ta' pajpijiet u tubi u ħwejjeġ simili għad-distribuzzjoni tal-utilitajiet jew għall-provvista ta' servizzi, inklużi xogħlijiet konnessi ma', jew anċillari għalihom u toqob għall-ispezzjonar jew mezzi oħra ta' aċċess għal dawn l-utilitajiet jew xogħlijiet;*
>
> *"triq lokali" tfisser triq li mhix identifikata bħala triq arterjali jew distributorja u li mhix triq privata, u tinkludi kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;*

It-tieni *proviso* tal-Artikolu 5 (1) (ċ) tal-istess Att jipprovdi:

---

[15] A fol 61 et seq tal-proċess, xhieda datata 4 ta' Ottubru, 2022
[16] A fol 64 et seq tal-proċess

*Iżda fejn il-manutenzjoni ta' kwalunkwe triq lokali taqa', skont il-liġi, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq m'għandhiex, inkwantu tikkonċerna dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-Aġenzija:*

L-Artikolu 33 tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

1) *Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

   *(a)li tipprovdi, fir-rigward ta' kwalunkwe triq, għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, iż-żamma u l-manutenzjoni, jew it-titjib tal-istess, u li tipprovvdi u żżomm sinjali stradali u marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali:*

   *Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*

   *(b) fir-rigward ta' kwalunkwe triq, li tipprovdi l-knis, tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin, tindif ta' sinjali stradali u dwal stradali, il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart, iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni u ż-żamma tal-konvenjenzi pubbliċi kollha, tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju u għall-ġbir ta' skart u li taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti;*

   *...*

   *(d)li tipproponi miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' toroq lokali, żoni pedonali, żoni ta' parkeġġ, sinjali stradali u marki stradali fil-lokalità, li tipprovdi l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' xelters tal-linja skont standards u speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti għat-trasport, żoni pedonali u ta' parkeġġ u li tipprovdi protezzjoni għat-tfal tal-iskola fil-viċinanza tal-iskejjel;*

Illi għalhekk it-Tribunal irid jiddeċiedi mhux biss min hu responsabbli mit-triq imsemmija iżda min kellu jżomm l-imsemmija triq fi stat xieraq ta' manutenzjoni. Jirriżulta illi fis-sena 2015 saret rikostruzzjoni tat-triq imsemmija u li ma ġiex kontradett mill-partijiet.

Illi l-Kunsill Lokali Rabat fit-trattazzjoni rrileva illi fis-sena 2015 saret rikostruzzjoni tat-triq mir-Road Infrastructure Directorate fi ħdan Transport Malta u jista jkun li saret b'mod difettuż u għalhekk ma jfissirx illi l-inċident li sar kien resposnabbli għalih il-Kunsill u dan sempliċiment għaliex il-manuntenzjoni taqa' taħt ir-responsabilita' tiegħu.

Mill-affidavit tal-Perit Stephen Bonello jirriżulta illi t-tappiera in kwistjoni ma taqax taħt ir-responsabilita' tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi u li dan id-Dipartiment ma wettaq l-ebda xogħol ta' infrastruttura fit-triq liema verżjoni ma ġietx kontra detta mill-partijiet.

Ra l-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull regola magħmula skont l-artikolu 16 u skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali.*

Ra l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti diskrezzjoni li l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tiġi deċiża qabel is-sentenza, fuq il-mertu jew flimkien maghha:

> *L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.*

It-Tribunal ma jsibx komfort li jiddeciedi din l-eċċezzjoni qabel ma jisma l-provi fuq il-mertu u għaldaqstant f'dan l-istadju jastjeni milli jieħu deċiżjoni stante li hu, għaqli u opportun li tali eċċezzjoni tiġi deċiża flimkien mal-mertu tal-kawża odjerna, jigifieri, flimkien mas-sentenza finali.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din l-istanza billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Public Works Department u cioe' li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju u jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet ulterjuri, filwaqt illi f'dan l-istadju jastjeni milli jieħu deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Rabat u tal-kjamat in kawża l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta fir-rigward tal-eċċezzjoni mogħtija minnhom u ċioe' li ma humiex il-legittimi kontraditturi stante li hu għaqli u opportun li tali eċċezzjoni tiġi deċiża flimkien mal-mertu tal-kawża odjerna, jiġifieri flimkien mas-sentenza finali.

L-ispejjeż ta' din il-vertenza qed jiġu riżervati għal-ġudizzju finali.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

## < Sentenza In Parte>